# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum it-Tnejn 20 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs.**
**Neil Carl Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Neil Carl Farrugia ta' 27 sena, bin Emanuel u Catherine nee' Saydon, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Gunju, 1982 u residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 347982M

Akkuzat talli:

Nhar it-2 ta' April 2008, f'xi hin bejn is-13:00hrs u t-15:00hrs, minn gewwa Triq Santa Marija, Birkirkara,

a. Ikkommetta serq ta' stereo tad-ditta Kenwood minn vettura tat-tip Citroen Saxo, bin-numru tar-registrazzjoni IZU911, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Angele Polidano u/jew persuni ohra.

b. U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi kissirt wahda mill-hgigiet ta' vettura Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni IZU911, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), imma hu izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29), u dan ghad-detriment ta' Angele Doris Polidano u/jew persuni ohra.

c. U aktar talli rendejt ruhek recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gejt misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tlett imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu, u partikolarment li l-imputazzjonijiet dedotti kontrih iwasslu ghal piena massima ta' hames (5) snin habs, u wara li taghtu hin sabiex jerga' jahsibha u jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, hu rega' kkonferma li qed iwiegeb hati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoniijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Rigward il-piena, din il-Qorti ikkunsidrat li din l-ammissjoni tal-imputat ma tistax tinghad li hija wahda bikrija, stante li inghatat meta l-istadju tal-provi kien inghalaq u l-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni finali. B'hekk hu xorta hela l-hin u r-rizorzi tal-Pulizija u tal-Qrati.

Huwa vera li l-imputazzjonijiet jirreferu ghal reati kommessi fl-2008, pero l-bicca l-kbira tal-htija ghal dan id-dewmien fil-proceduri hija dovuta ghall-imgieba tal-imputat stess, li kien ta' sikwit jonqos li jattendi l-Qorti, tant li fis-seduta tat-22 ta' Frar 2012, din il-Qorti tat digriet fejn imponiet kondizzjonijiet fuq l-imputat biex jidher il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 412A tal-Kodici Kriminali, u billi l-imputat kiser din l-ordni, u l-Prosekuzzjoni ma setghetx tirrintraccah, din il-Qorti kellha tohrog mandat ta' arrest fil-konfront tieghu, u tordna li jibqa' jinzamm taht arrest.

Pero huwa vera wkoll li l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat ammetta l-htija m'humiex fost l-iktar gravi. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-istereo li nsteraq mill-karozza kien jiswa xi LM70.00 u l-ispejjez biex issewwiet il-hgiega kienu jammontaw ghal madwar LM20.00.[1] Ghalkemm is-serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Pero m'hemmx dubbju li l-fedina penali aggiornata tal-imputat hija pjuttost raffrettarja. Huwa ghandu erbatax (14)-il kundanna minn dawn il-Qrati, sitta (6) minnhom kommessi wara r-reati mertu tal-proceduri odjerni. Huwa stab hati darbtejn ta' ferita hafifa fuq ufficjali tal-pulizija, darbtejn ohra li ta dettalji foloz lill-pulizija, darba pussess ta' armi, darbtejn ta' pussess semplici tad-droga, darba tad-droga cannabis u darba ohra tad-droga eroina, u sitt kundanni ta' serq divers aggravat, tnejn minn dawn il-kundanni ta' serq inghataw qabel l-imputat ikkommetta s-serq in kwistjoni.

Fit-trattazzjoni orali, il-Prosekuzzjoni u d-difiza issottomettew li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva fil-minimu taghha, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti taqbel.

---

[1] Ara xhieda ta' Angele Polidano a fol. 40 tal-process.

Id-difiza talbet ukoll li din il-Qorti tuza d-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi u ma zzidx il-piena, minhabba li l-imputat hu recidiv. Pero, din il-Qorti hija tal-opinjoni li in vista tal-istat tal-fedina penali tal-imputat, hija ma tistax taghmel dan, minghajr ma tonqos lejn id-dover taghha li tohloq bilanc bejn li taghmel gustizzja mal-imputat u li tipprotegi lis-socjeta, u li l-piena tkun ta' deterrent u ta' messagg lil dawk kollha bhall-imputat odjern li jippersistu fit-triq tal-kriminalita, minkejja li jinghataw diversi opportunitajiet minn din il-Qorti, sabiex jirriformaw ruhhom. Dan japplika ugwalment fil-kaz odjern, fejn l-imputat jidher li jabbuza mid-droga. Kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Carmel Shone Aguis** deciza fl-20 ta' Jannar 1997, min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, biex jissodisfa l-htigijiet tieghu.

Peress li l-imputat diga kellu zewg kundanni ta' serq meta ikkommetta ir-reat ta' serq in kwistjoni, apparti numru iehor ta' kundanni ghal reati ohra, il-Qorti se tgholli l-piena b'zewg gradi.

Rigward it-tieni imputazzjoni ta' danni volontarji, il-piena hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ta' serq, stante li dan ir-reat ta' danni volontarji serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess ir-reat ta' serq.

L-imputat kiser ukoll l-kundizzjonijiet kontenuti fid-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Frar 2012 mahrug taht l-Artikolu 412A tal-Kodici Kriminali, u hu kien obbliga ruhu li jekk jikser xi wahda l-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet, jaghmel tajjeb b'garanzija personali ta' €5000.00. Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur ma insistiex li din il-Qorti tordna li l-din il-garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, ghax l-iskop ghalfejn kien talab il-hrug ta' dan id-digriet intlahaq billi l-imputat gie arrestat u l-imputat ma kisirx dawn il-kundizzjonijiet b'sens ta' sfida, imma ghax kien ghaddej minn perjodu turbulenti ghax qabad u telaq mill-programm li kien qed isegwi ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

Din il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u rat l-Artikolu 412A(3) tal-Kodici Kriminali, hija tal-opinjoni li ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha u ma tordnax li l-ammont ta' garanzija personali jghaddi favur il-Gvern ta' Malta, stante li l-ghan ghalfejn inhareg dan id-digriet intlahaq.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b) u (g), 263(a), 271(g), 325(c), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija jew kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra li jista' ghandu jew kellu pendenti quddiem dawn il-Qrati.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tminn mija tnejn u sittin Euro u seba' u disghin centezmu (€862.97), li ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**